# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 322/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Robert Galea**

Illum it-30 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Robert Galea detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 229581M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-13 ta' Ġunju, 2012, f'xi ħin bejn is-7:15hrs u l-11:30hrs ikkommetta serq ta' ġojjellerija u/jew oġġetti oħra minn residenza Marmer House, Triq San Publiju, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37, u bil-lok għad-detriment ta' Mario u Maria-Anna Xuereb u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;
2. F'xi jum bejn it-2 u t-22 ta' Novembru, 2013, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa uffiċċini sitwati f'sit ta' kostruzzjoni ġewwa x-Xatt tal-Birgu, Birgu, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz u bil-valur li ma

jeċċedix l-ammont ta' €2,329,37 għad-detriment ta' Mario Grixti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Robert Galea bħala reċidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta'Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(b), (c), (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278 (1),(2),(3), 279(a),(b), 280(1),(2), 281(a), 284, 285 u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal erbghin (40) xahar prigunerija.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,962.61 rapprezentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Robert Galea minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2017 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tinghata dik il-piena ta' prigunerija illi kien hem ftehim dwarha bejn il-prosekuzzjoni u d-difensura u liema ftehim jista' jigi kkonfermat mill-esponenti stess.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi jidher li kien hemm plea bargaining sabiex tinghata sentenza inqas harxa minn dik li nghatat fis-sentenza hawnhekk annessa u li dan l-appell qed isir fil-fatt minhabba l-ammont ta' erbghin (40) xahar prigunerija li nghata l-esponenti.
Illi ghaldaqstant sar dan l-appell sabiex Robert Galea jigi moghti dik is-sentenza u ghaldaqstant dak l-ammont ta' prigunerija illi kien hemm il-ftehim dwaru, hekk kif jista' jixhed car dwar dan l-istess ftehim illi kien intlahaq bejn il-prosekuzzjoni u d-difensura mill-istess Robert Galea.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u dan fis-eduta tas-7 ta'Mejju 2019.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Il-fatti in breve li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti:-

1. L-appellant tressaq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bala Qorti Istruttorja nhar il-5 ta' Gunju, 2015 u akkuzat bir-reat ta' serq aggravat minn zewg stabbilimenti u cioe dak tat-13 ta' Gunju 2012 mir-residenza Marmer House, Triq San Publiju Naxxar u dik bejn it-2 u 22 ta' Novembru 2013 minn gewwa ufficcini f'sit ta' kostruzzjoni gewwa x-Xatt tal Birgu.
2. Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2016 (fol. 311) l-Avukat Generali ghogbu jibghat l-Artikoli fil-konfront tal-akkuzat illum appellant bir-riserva tas-smeigh ta' numru ta' xhieda hemm indikati.

3. Illi fis-seduta precedent u cioe nhar l-1 ta' Novembru 2016 l-prosekuzzjoni tramite l-Ispettur James Gech irrinunzja ghax-xhieda mitluba mill-Avukat Genrali u gw moqrija l-Artikoli (fol. 312).
4. L-akkuzat illum appellant ta' l-kunsens tieghu sabeix din il-kawza tigi deciza minn dik il-Qorti fil-vesti taghha ta' Gudikatura Kriminali u l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza u trattazzjoni.
5. Illi fis-seduta sussegwenti u cioe' nhar l-20 ta' Jannar 2017 id-difiza iddikjarat li ma kellhiex xhieda xi tressaq u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.
6. Illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2017 l-akkuzat illum appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha, liema ammissjoni nsista fuqha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra tali ammissjoni.
7. Illi skond il-verbal tat-23 ta' Mejju 2017 'saret trattazzjoni fuq il-piena' (fol. 135).

Illi fl-atti hemm kopja tat-trattazzjoni li saret mill-avukat difensur u l-Qorti qrat l-istess u ai fini tal-aggravju tal-appellant ser ticcita dak li intqal fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata a bazi tal-ammissjoni tal-appellant kif registrata quddiem l-ewwel Qorti.

Dr Patrick Valentino li kien qed jidher ghall-appellant quddiem l-ewwel Qorti stqarr is-segwenti fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta.

"*Minn naha tal-prosekuzzjoni nemmen li ghandu jkkun hemm peina karcerarja. Inhalli f'id il-Qorti biex tara mbaghad il-piena kemm ghandha tkun. Minn dak li kkalkulat l prosekuzzjoni, jidher li l-minimu huwa qrib it-tlett snin pero imabaghad ovvjament hemm, jekk l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-atikolu 289 tista titla sa tlett snin, imbaghad titla hafna iktar. Hemm l-artikolu 533 biex jithalsu l-ispejjes sinjura.*

*Vera l-ammissjoni giet egistrata fi stadju tard tal-proceduri imam mill-istqarrija jidher li l-imputat ikkopera u ammetta fl-istqarrija. Dawk il-vauri m'hemmx kontestazzjoni kif qal l-ufficcjal prosekutur u l-piena jekk wiehed jikkalkulha tigi tlett snin u inhoss li l-Qorti timxi ma dawk il-parametri.*"

Jigi rilevat li fl-atti ma hemmx it-trattazzjoni li saret mill-proseskuzzjoni u ghalhekk ma jista' jsir l-ebda referenza ghal dak li intqal minnha dakinhar. Lanqas ma ingabu xhieda quddiem din il-Qorti sabiex jixhdu fuq xi allegat ftehim li seta sar quddiem l-ewwel Qorti cio' nonostante l-appellant fit-trattazzjoni tieghu sostna li kien hemm intendiment quddiem l-ewwel Qorti li l-appellant kien ser jinghata piena ta' tlett snin prigunerija u mhux erbghin xahar u ghalhekk kien interpona appella sabiex ikun hemm revisjoni fil-piena. L-appell tieghu huwa biss dwar ir-riforma fil-piena.

Dwar id-diskrezzjoni li ghandha din l-Qorti dwar tibdil fil-piena l-Qorti tafferma illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba ddiskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Illi hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>**[1]:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' taddeċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk ilpiena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) nhar fis-26 ta' Mejju 2004

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci**[2], "mhux normali Ii din il-Qorti talAppell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut fAlppell Kriminali (Superjuri). "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[3]" :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[4]")

Illi fil-kaz odjem tal-appellant Robert Galea, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm eccessiva fic-cirkostanzi, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis r-reati li taghhom instab hati inkluz dak tar-recidiva u l-fedina penali kkulurita tieghu.

L-appellant pero' qed issostni li f'dan il-kaz kien hemm xi forma ta' patteggjament u ghalkemm dan sar mhux konformi ma dak li jistipula l-ligi xorta din il-Qorti ghandha tiehdu in konsiderazzjoni.

Jinghad in primis illi minn imkien ma jirrizulta li kienhemm xi forma ta' patteggiament jew xi ftehim dwar il-pien ali kellha tinghat amill-ewwel Qorti.

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Marzu, 2009

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar, 2009.

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Superjuri) nhar l-20 ta' Marzu, 2009

Jirrizult abiss li kien hemm suggeriment mill-avukat difensur fir-rigward ta' dak li filf-ehma tieghu hass li kellha tku piena idoneja.

Din il-Qorti tfakkar lill-avukat difensur li l-ligi tistabilixxi procedura li ghandha tigi adoperata sabeix ikun hemm patteggjament effikaci. L-artikolu 392A (5) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li gie introdott bl-Att VIII tas-sena 2015 jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fejn isir patteggjament quddiem il-Qorti Kriminali ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, fejn f' dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti w n-nota ssir mill-Avukat Generali w mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan. Pero din l-applikazzjoni tapplika biss ghall-pattegjament li talvolta jsita isir bejn l-akkuzat u l-Avukat Genrali quddiem Qorti Istruttorja u ghalhekk lanqas ma japplika ghal kaz in desamina fejn l-ammissjoni saret quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi fl-assenza ta' dispozizzjoni "ad hoc" li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' gudikatura kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplikja ghalihom ukoll.

Dan nonnostante mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati ta' Gudikatura Kriminali il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f' kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti , kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza "*in open court*" jew per mezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.

F'dan il-kaz pero' ma sar xejn minn dan sar biss suggeriment min naha tad-difiza dwar x'tip ta' piena kellha tinghata fir-rigward tal-appellant.

Ghalhekk stante li ma hemm l-ebda raguni il ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-piena moghtija mill-ewwel Qorti, liema piena taqa' fil-parametri tal-ligi hija qieghda tikkonferma is-sentenza appellate in toto u b'hekk qeda fl-istess hin tichad l-appell tal-appellant

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur